**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/119/17/S

*Luke Musu*
*vs*
*J. Pitre Limited*

Illum, 27 ta'Settembru,2018.

It-Tribunal:
Ra l-Avviż tat-Talba tar-rikorrent ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2017 u r-Risposta ippreżentata fil-21 ta' Lulju 2017;
Ra d-dokumenti kollha ippreżentati, sema' l-partijiet u x-xhieda prodotta minnhom kif ukoll it-trattazzjoni finali li saret fit-28 ta' Ġunju 2018.

Ikkunsidra:
Illi r-rikorrent qed jitlob l-ammont ta' disa' mitt Ewro (€900.00) u talab li jitbiddel banju allegatament difettuż li ngħatalu minn J. Pitre Limited b'wieħed identiku jew inkella li jingħata kumpens *stante* li l-banju żviluppa xaqq qabel biss twaħħal.

Illi fir-Risposta, is-soċjetà intimata eċċepiet li dakinhar tal-konsenja, ir-rikorrent spezzjona l-banju u ffirma dokument li jikkonferma li huwa kellu jiċċekkja. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li r-rikorrent kien ilmenta dwar xi *hydro jets*, liema ilment kien debitament indirizzat meta biddlet il-pajp relattiv. Lanqas f'dik l-okkażjoni ma tqajmet il-kwistjoni tal-allegat xaqq.

Illi l-Art. 78 tal-Kap. 378 jgħid li r-responsabilità tal-kummerċjant tidħol fis-seħħ sakemm il-konsumatur jintebaħ bin-nuqqas ta' konformità entro sentejn mid-data tal-konsenja. L-Art. 79 tal-Kap. 378 iżid li sabiex il-konsumatur ikun jista' jagħmel użu mir-rimedji disponibbli, huwa obbligat li javża lill-kummerċjat bin-nuqqas ta' konformità permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra mibgħuta bil-posta irreġistrata entro xahrejn minn meta jinduna bin-nuqqas ta' konformità.

Illi jirriżulta mix-xhieda relattiva li l-banju ġie ikkonsenjat lir-rikorrent f'Marzu 2016 u ma ntmessx (ċioe baqa' maħżun fl-appartament tar-rikorrent) sa Awwissu 2016 għax kienu għadhom għaddejjin xi xogħlijiet fl-appartament qabel il-banju seta' jitqiegħed f'postu. Huwa għalhekk inkontestat li bejn Marzu u

Awwissu 2016, il-banju kien jinsab fl-appartament tar-rikorrent. Dan joħroġ mix-xhieda tar-rikorrent stess tal-11 ta' Jannar 2018.

Illi meta s-soċjetà intimata ikkonsenjat il-banju lir-rikorrent, huwa ntalab jiffirma fuq *invoice* (kopja annessa mar-Risposta u mmarkata "Dok. A"), senjatament ħdejn kitba li tgħid "*Goods, especially tiles, should be carefully checked before fixing. Complaints cannot be accepted once the tiles are laid.*"

Illi dan ifisser li r-rikorrent kellu jaċċerta ruħu li l-banju kien f'kundizzjoni tajba meta ġie ikkonsenjat u iktar minn hekk, tul ix-xhur li l-banju kien maħżun f'kamra fl-appartament tar-rikorrent, dan kellu ħafna ħin biex jiċċekkja l-istat tal-banju. It-Tribunal jenfasizza li meta r-rikorrent iffirma l-*invoice*, huwa ntrabat li kien aċċetta u fehem li kellu jkun sodisfatt li l-banju kien f'kundizzjoni tajba meta wasal għandu. M'hemm imkien fis-sottomissjonijiet u fix-xhieda mressqa mir-rikorrent li huwa eżamina l-banju eżatt meta dan wasal għandu sabiex ikun jista' jiffirma l-*invoice* b'ċertezza. Jekk ir-rikorrent ma riedx jintrabat b'dan il-mod, huwa kien liberu li ma jiffirmax.

Illi jekk il-banju ma kienx f'konformità mal-kuntratt relattiv, ir-rikorrent kellu javża lill-kummerċjant entro xahrejn minn meta jinduna bin-nuqqas ta' konformità. Fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrent seta' eżamina l-banju meta dan wasal għandu u għalhekk, kien f'pożizzjoni li jekk kien hemm nuqqas ta' konformità, jintebaħ biha minnufih jew inkella f'qasir żmien. Ir-responsabilità tal-kummerċjant u ż-żmien li fih il-konsumatur għandu javża skont il-liġi ma jistgħux jiġġustifikaw l-azzjoni ta' rikorrent li seta' jintebaħ jekk kien hemm nuqqas ta' konformità iżda li għal numru ta' xhur, ħalla l-banju fejn kien mingħajr biss ħares lejh.

Illi wara li r-rikorrent fetaħ u beda jeżamina l-banju f'Awwissu 2016, huwa allegatament induna b'xi problema rigward kamini u pajpijiet li ma kinux twal biżżejjed sabiex jitqabbdu mas-sistema tal-ilma (*hydro jets*). Mix-xhieda relattiva, partikolarment mill-kontro-eżami tar-rikorrent, jirriżulta li din il-problema kienet riżolta sa Settembru 2016. Għalhekk, l-ewwel ilment li tqajjem mir-rikorrent wara li dan ħares lejn il-banju għall-ewwel darba wara xhur li kien ilu maħżun ġie sodisfaċentement riżolt mis-soċjetà intimata.

Illi skont ir-rikorrent, il-qasmiet (*cracks*) allegatament żviluppaw wara li biex tiġi riżolta l-problema tal-*hydro jets*, it-

tekniku tas-soċjetà intimata qala' l-*valves* relattivi b'daqqiet ta' mazza jew bl-użu ta' xi apparat bħal martell jew tornavit li normalment jintużaw b'ċerta aggressjoni. Fil-fehma tat-Tribunal, jekk wieħed għal mument jaċċetta li dan huwa l-każ, jirriżulta li dan ma kienx ikun każ ta' nuqqas ta' konformità li jitressaq quddiem it-Tribunal iżda każ ċivili ordinarju li jitressaq quddiem il-qrati u t-tribunali ordinarji skont dak li tipprovdi l-Kodiċi Ċivili.

Illi rigward l-allegati difetti fis-saqajn tal-banju, dawn ġew imsemmija minn Charles Debono wara li huwa kien xehed li skont hu, il-ħaddiema tas-soċjetà intimata li ikkonsenjaw il-banju kienu kaxkruh u mhux ġarrewh sewwa. Minn dan, it-Tribunal josserva li jekk persuna ra l-ħaddiema li ikkonsenjaw il-banju jkaxkruh u mhux iġorruh kif suppost, kellu iktar u iktar id-dmir li jeżamina l-banju sewwa qabel jiffirma l-*invoice* u jindika li huwa kien sodisfatt bl-istat tal-banju.

Illi għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrent tilef diversi opportunitajiet sabiex jaċċerta ruħu li l-banju kien fi stat tajjeb meta wasal għandu iżda mhux biss naqas li jagħmel dan, iżda addirittura iffirma l-*invoice* ħdejn parti minnha li kienet tindika li l-klijent (ir-rikorrent) kien sodisfatt bl-istat tal-banju. Inoltre, ir-rikorrent seta' wkoll iċċekkja l-banju sewwa tul ix-xhur li dan kien maħżun għandu.
Għalhekk, it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li t-talba tar-rikorrent għandha tkun milqugħa.

<u>Deċide</u>
Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrent.
It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru